**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta’ nhar il-Gimgha 14 ta’ Dicembru 2001

Citazzjoni numru 1942/98 AJM

Kawza numru

Paul Caruana

Vs

Rudolphe Gaerty

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-1 ta’ Ottubru 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut huwa debitur tieghu fl-ammont ta’ tnax-il elf u hames mitt lira maltin (LM12,500) ammont rappresentanti hlas ghal bejgh ta’ effetti mobbli skond kif jirrizulta mill-Artikolu ta’ skrittura privata konkjuza bejn il-partijiet fis-16 ta’ Gunju 1997 li kopja taghha hija hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok A; illi l-konvenut baqa’ ma hallasx dan l-ammont li kien dovut fit-30 ta’ Gunju 1998 skond l-istess artikolu fuq imsemmi u qieghed jirrifjuta li jaghmel dan il-pagament; illi dan l-ammont hu cert likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur il-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x’jissoleva kontra l-pagament ta’ l-istess; illi ghaldaqstant ghal dawn il-proceduri huma

applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' LM12,500 lilu dovuta kif fuq premess u dana bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq. Tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 1 ta' Lulju 1998 u tal-mandati kawtelatorji numri 751/98 u 854/98 u interessi legali mid-data tan-notifika ta' '-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa' 'inn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu l-konvenut inghata l-fakolta li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fis-7 ta' Dicembru 1998 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi fl-ewwel lok il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li ma tezisti l-ebda skrittura iffirmata minnu u datata Lulju 1997.
2. Illi fit-tieni lok l-ammont pretiz mill-attur ma huwiex dovut peress illi l-istess attur ghad fadal ihallas diversi ammonti, fosthom diversi kontijiet tat-telefon, il-Value Added Tax tal-impjegati ossia Account Executives li llum jahdmu mal-eccipjent, kera tal-fond

39/2 Tigne Street, Sliema u spejjes ohra li l-attur ghandu jhallas skond skrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tad-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota tal-attur tal-24 ta' Novembru 2000 meta dan filwaqt li ddikjara li thallas is-somma mitluba fic-citazzjoni, ceda l-mertu u zamm ferm il-kap tal-ispejjes u l-interessi.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Frar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza wara li l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi aktar xi jressqu.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

**Dwar l-imghaxijiet**

Billi fil-mori tal-kawza sar pagament tas-sorte ma hemmx dibbju li l-ammont reklamat mill-attur kien effettivament dovut. Dan jirrizulta mhux biss mill-iskrittura privata tas-16 ta' Gunju 1997 izda ukoll mix-xhieda tal-istess konvenut li waqt l-kawza kemm-il darba rrikonoxxa dan id-debitu tieghu ghalkemm kien jsostni li kellha ssir tpacija ma ammont minnu reklamati.

Skond il-paragrafu 7.2 ta' l-imsemmija skrittura l-ammont indikat fic-citazzjoni kellu jithallas mhux aktar tard mit-30 ta' Gunju tas-sena 1998. Il-fatt li thallas fil-mori tal-kawza u cioe fil jew qrib id-data tan-nota fuq imsemmija jindika li l-konvenut kien moruz fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni minnu assunta u konsegwentement a termini ta' l-artikolu 1133 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ghandu jigi kundannat jhallas d-danni ghal dan in-nuqqas.

Illi skond l-artikolu 1139 tal-Kap 16 meta l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.

L-artikolu 1141 tal-Kap 16 jipprovdi li meta l-obbligazzjoni tkun ta' natura kummercjali l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita. Mentri f'kull kaz iehor l-imghaxijiet jigi komputati minn dak inhar li ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju.

Fil-kaz in ezami it-talba fic-citazzjoni hija li l-imghax ghandu jigi komputat mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Lulju 1998 u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tezamina jekk in-natura ta' l-obbligazzjoni kienetx wahda kummercjali jew xort' ohra billi t-talba ta' l-attur tillimta l-perjodu tal-komputazzjoni.

**Dwar l-ispejjes**

L-attur ukoll qed jilob li l-konvenut jigi kkundannat jhallas li spejjes tal-kawza. Din it-talba fil-fehma ta' din il-Qorti hija gustifkata mhux biss stante li sar pagament tas-sorte fil-mori tal-kawza li per se jindika

rikonoxximent tat-talba attrici, izda ukoll billi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-eccezzjoni sollevata mil-konvenut rigward il-mertu kienet gustifikata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li ma tiehux aktar konjizzjoni tal-mertu billi dan gie cedut stante pagament fil-mori tal-kawza, tikkundanna lill-konvenut jhallas l-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena fuq l-ammont ta' tnax-il elf u hames mitt lira maltin (LM12,500) mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv, u fl-istess hin tikkundanna lill-konvenut jhallas l-ispejjes tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri